

Brussell, 21 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15778/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0372(NLE)**

---

---

**ECOFIN 1584  
UEM 577  
FIN 1433  
ECB  
EIB**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 718 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 718 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 718 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025  
COM(2025) 718 final

2025/0372 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall**

{SWD(2025) 375 final}

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

### li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Portugall fit-22 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni (id- “Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021”)<sup>2</sup>. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023<sup>3</sup>, tat-8 ta' Ottubru 2024<sup>4</sup>, tat-13 ta' Mejju 2025<sup>5</sup> u tad-29 ta' Settembru 2025<sup>6</sup>.
- (2) Fil-31 ta' Ottubru 2025, il-Portugall għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Portugall ippreżenta RRP emendat.

#### ***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Portugall minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 136 miżura.
- (4) Il-Portugall spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

<sup>2</sup> ST 10149/21 INIT; ST 10149/21 ADD 1 REV 1.

<sup>3</sup> ST 13351/23 INIT; ST 13351/23 ADD 1 REV 1.

<sup>4</sup> ST 13497/24 INIT; ST 13497/24 ADD 1.

<sup>5</sup> ST 8055/25 INIT; ST 8055/25 ADD 1.

<sup>6</sup> ST 12491/25 INIT; ST 12491/25 ADD 1.

jikkonċerna l-miżura C01-i12 (Kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona), il-miżura C14-i01 (Idroġenu u gassijiet rinnovabbli), il-miżura C15-i07 (Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Liżbona — Linja l-Ħamra għal Alcântara, fażi ta' kostruzzjoni), il-miżura C21-i06 (Miżura fuq skala akbar: l-idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli) u l-miżura C21-i08 (Flessibbiltà u ħżin tan-network). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li daww il-miżuri jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Portugall spjega li għaxar miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżura C01-i01 (Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet), il-miżura C03-i07-RAA (Titjib u espansjoni tan-network ta' djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPs)), il-miżura C06-i06 (Kapaċitajiet fix-Xjenza), il-miżura C07-i06 (Żoni ta' Akkoljenza tan-Negozju — Tlestija), il-miżura C08-i02 (Reġistru tal-proprjetà rurali u Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art), il-miżura C09-i01 (Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve), il-miżura C15-i08 (Kostruzzjoni tal-estensjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi tal-kostruzzjoni), il-miżura C17-i01 (Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika), il-miżura C19-i03 (Tisħiħ tal-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà) u l-miżura C19-i05-RAM (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-Portugall spjega li sitt miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna l-miżura C02-i02 (Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja), il-miżura C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali), il-miżura C08-i04 (Mezzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien rurali), il-miżura C10-i01 (Ċentru Blu, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu), il-miżura C20-i01 (Tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni) u l-miżura C21-i04-RAM (Effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliki f'Madeira). Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Portugall spjega li għaxar miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżura C01-i02 (Network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva), il-miżura C01-i05-RAM (It-tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira), il-miżura C03-i02 (Aċċessibbiltà 360°), il-miżura C04-i01 (Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali), il-miżura C05-i04-RAA (Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores), il-miżura C13-i01 (Effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali), il-miżura C13-i02 (Effiċjenza enerġetika fil-bini tal-gvern ċentrali), il-miżura C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi), il-miżura C16-i03 (Katalizzatur għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi), u l-miżura C21-i03 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi). Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Portugall spjega li ġew emendati żewġ miżuri biex tiġi implimentata alternattiva aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tiegħu. Dan jikkonċerna l-miżura C01-i11-RAA Modernizzazzjoni u rikwalifikazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali u l-miżura C03-i04-RAA (Implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali). Abbażi ta' dan, il-Portugall

talab li jiġu emendati l-miżuri msemmija hawn fuq. Peress li dawk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw l-miżura, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Il-Portugall spjega li ġew emendati 100 miżura biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv u li tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C01-i03 (Tlestija tar-riforma tas-saħħa mentali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tad-demenzja), C01-i04 (Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni taż-żoni tal-isptarijiet u t-tagħmir għall-isptarijiet), C01-i06 (Tranżizzjoni tas-Saħħa Diġitali), C01-i07-RAM (Diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira), C01-i08-RAA (Sptar Diġitali fl-Azores), C01-i09 (Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva), C01-i10 (Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS), C02-i01 (Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni), C02-i03-RAM (Tisħiħ tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira), C02-i04-RAA (Żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-istokk tal-akkomodazzjoni tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores), C02-i05 (Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli), C02-i06 (Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli), C02-i07-RAA (Infrastruttura ta' pakketti ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali), C02-i09 (Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni), il-miżura C02-i08-RAA (Tisħiħ tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali), C03-i03-RAM (Tisħiħ tar-risponsi soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (ARM)), C03-i05 (Pjattaforma + Aċċess), C03-i06 (Operazzjonijiet integrati f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto), C03-r38 (Simplifikazzjoni u Effettività tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali), C04-i02 (Wirt Kulturali), C05-i01.01 (Aġendi tal-Mobilizzazzjoni u Ekoloġiċi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju), C05-i02 (Missjoni ta' interfaċċa — tiġdid tan-network ta' appoġġ xjentifiku u teknoloġiku u gwida għan-nisġa produttiva), C05-i03 (Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni għall-agrikoltura, l-ikel u l-agroindustrija sostenibbli [Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agricoltura 2030]), C05-i05-RAA (Irkupru Ekonomiku tal-Agricoltura Azoreana), C05-i06 (Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento), C05-i07-RAM (Strumenti ta' kapitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'Madeira), C05-i08 (Aktar Xjenza Diġitali), C05-i11 (Espansjoni: Mobilizzazzjoni tal-Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju (Self)), C05-i13 (Unitajiet ta' riċerka xjentifika), C05-i14 (Innovazzjoni tan-negożju), C05-i15-RAA (Fond ta' ekwità għar-rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negożju tal-Azores), C05-i16 (Kompartiment tal-Istat Membru ta' InvestEU), C06-i01 (Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-provvista u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), C06-i03 (Inċentiv għall-adulti), C06-i04 (Imbuttatura għaż-żgħażagħ — STEAM), C06-i05-RAA (Kwalifika għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA)), C06-i07 (Imbuttatura aktar diġitali), C06-i09 (Skejjel ġodda jew rinnovati), C06-r14 (Riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), C07-i00 (Estensjoni tan-network tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi), C07-i02 (Konnessjonijiet neqsin u Żieda fil-kapaċità tan-Network), C07-i03 (Konnessjonijiet transfruntiera), C07-i04 (Żoni ta' Akkoljenza tan-Negożju — Aċċessibbiltà fit-Toroq), C07-i05-RAA (Ċirkwiti Loġistiċi — Network Reġjonali tal-Azores), C08-i01 (Trasformazzjoni tal-Pajsaġġ f'Żoni tal-Foresti Vulnerabbli — Investment), C08-i03 (Waqfien mill-ġestjoni tal-fjuwil — network primarju), C08-i05 (Programm Aktar Foresti), C09-i03-RAM (Pjan għall-effiċjenza tal-ilma u t-tisħiħ tas-sistemi tal-provvista u tat-tisqija ta' Madeira), C09-i05 (Park Fotovoltajku ta' Alqueva), C10-i02 (Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali u Sikurezza fis-Sajd), C10-i03 (Ċentru tal-Operazzjonijiet tad-Difiża tal-

Atlantiku u pjattaforma navali), C10-i04-RAA (Żvilupp tal- “Cluster do Mar dos Açores”), C10-i05-RAA (Tranżizzjoni tal-enerġija, diġitalizzazzjoni u tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura), C10-i06-RAM (Teknoloġiji oċeaniċi), C10-i07 (Trasport Marittimu Ekoloġiku), C11-i01 (Dekarbonizzazzjoni tal-industrija), C12-i01 (Bijoeconomija), C12-i02 (Riċiklaġġ u rkupru tal-iskart), C12-r39 (Promozzjoni ta’ ekonomija ċirkolari u ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti), C13-i03 (Effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi), C14-i02-RAM (Potenzjazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta’ Madeira), C14-i03-RAA (Tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores), C15-i04 (Bus Rapid Transit Boavista — Império), C15-i06 (Diġitalizzazzjoni tat-Trasport Ferrovjarju), C16-i04 (Industrija 4.0), C16-i05-RAA (Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores), C16-i06-RAM (Intrapriża 4.0), C17-i02 (Modernizzazzjoni tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana għat-tassazzjoni fuq il-proprjetà rurali), C17-i03 (Tranżizzjoni diġitali tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali), C17-r32 (Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika), C17-r40 (Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa), C18-i01 (Ġustizzja ekonomika u ambjent tan-negozju - Investment), C18-i33 (Ġustizzja ekonomika u ambjent tan-negozju - Riforma), C19-i01 (Tfassil mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi u konsulari), C19-i02 (Servizzi elettroniċi sostenibbli), C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża), C19-i06-RAA (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Azores), C19-i07 (Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku), C19-i08 (Territorji Intelliġenti), C19-r42 (Sistema ġdida ta’ evalwazzjoni biex tingħata s-setgħa u tiġġedded il-forza tax-xogħol tal-amministrazzjoni pubblika), C20-i02-RAA (Edukazzjoni diġitali (Azores)), C20-i03-RAM (Aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni ARM), C20-r37 (Riforma tal-Edukazzjoni Diġitali), C21-i01 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tal-Industrija), C21-i02 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali), C21-i05 (Appoġġ għall-Iżvilupp tal-Industrija Ekoloġika), C21-i07 (Studji tekniċi għall-potenzjal tal-enerġija lil hinn mill-kosta), C21-i09 (Punt uniku ta’ servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta’ proġetti tal-enerġija rinnovabbli), C21-i10-RAA (Sistema ta’ inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta’ sistemi ta’ ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores), C21-i11-RAM (Sistema ta’ inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f’Madeira u Porto Santo), C21-i12 (Miżura fuq skala akbar: Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku), C21-i13-RAM (Dekarbonizzazzjoni tat-trasport), C21-i14 (Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja Braga), C21-i16 (Nazaré Funicular), C21-r43 (Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku), C21-r44 (Żvilupp ta’ punti uniċi ta’ servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)), C21-r45 (Filiċiet Ekoloġiċi) u C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli). Abbażi ta’ dan, il-Portugall talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (10) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta’ implimentazzjoni tal-miżuri f’konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Portugall talab li juża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżid tliet miżuri ġodda. Dan jikkonċerna l-miżura C14-i04 (Skema ta’ Għotja għall-Idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli), il-miżura C21-i17 (Skema għall-appoġġ tal-idroġenu rinnovabbli u l-gassijiet rinnovabbli) u l-miżura C21-i18 (Skema għall-appoġġ tal-flessibbiltà u l-ħżin tan-network). Barra minn hekk, il-Portugall talab li jiżdied il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ 12-il miżura. Dan jikkonċerna l-miżura C01-i01 (Servizzi tal-

kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet), il-miżura C01-i02 (Network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva), il-miżura C01-i04 (Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni taż-żoni tal-isptarijiet u t-tagħmir għall-isptarijiet), il-miżura C02-i01 (Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni), il-miżura C02-i04-RAA (Żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-istokk tal-akkomodazzjoni tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores), il-miżura C02-i05 (Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli), il-miżura C05-i02 (Missjoni ta' Interfaċċa — tiġdid tan-network ta' appoġġ xjentifiku u teknoloġiku u gwida għan-nisġa produttiva), il-miżura C05-i13 (Unitajiet ta' riċerka xjentifika), il-miżura C05-i15-RAA (Fond ta' ekwità għar-rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores), il-miżura C05-i14 (Innovazzjoni tan-negozju), il-miżura C06-i09 (Skejjel ġodda jew rinnovati), il-miżura C08-i05 (Programm Aktar Foresti) u l-miżura C16-i05-RAA (Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiżded il-livell ta' implimentazzjoni ta' 12-il miżura u li jiżdedu tliet miżuri ġodda. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

### ***Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri***

- (11) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Portugall.

### ***Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***La tagħmilx ħsara sinifikanti***

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (14) Il-Portugall ippreżenta valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull wieħed mill-investimenti l-ġodda. Modifiki oħrajn tal-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. L-informazzjoni pprovduta tippermetti l-konklużjoni li l-pjan mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

### ***Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità***

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,33 % tal-allokazzjoni totali tal-

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/eng>).

RRP emendat u 94.69 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (16) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar klimatiku tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Portugall jinvolve tnaqqis nett fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP b'1,76 punti perċentwali, minn 39,09 % għal 37,33 %. Minkejja t-tnaqqis, l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan rigward it-tranżizzjoni ekoloġika għadha għolja. Il-miżuri tal-pjan għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

#### ***Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali***

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,80 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkolata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (18) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar diġitali tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Portugall jinvolve żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b'1,14 punti perċentwali, minn 21,67 % għal 22,80 %. L-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, fosthom billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-intrapriżi, b'mod li jżid l-għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji kif ukoll investimenti fl-e-Saħħa u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

#### ***Il-kalkolu tal-ispiża***

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (20) Il-Portugall ipprova stimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti modifikati u ġodda inklużi fl-RRP modifikat, filwaqt li bbaża fuq tnaqqis jew żieda proporzjonali, u fuq diversi sorsi biex jiġġustifikahom. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta hija fil-biċċa l-kbira dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Il-Portugall ipprova stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet, inklużi deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-ixprunaturi ewlenin u l-bidliet fil-kostijiet tal-miżuri modifikati u l-proporzjonalità tagħhom. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tad-dokumenti ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda u modifikati huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Il-Portugall ipprova wkoll biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati mhux kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

#### ***Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni***

- (21) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Portugall ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 12491/25 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Portugall rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (g), (h), (j) u (k).

***Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet tal-investment li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)***

- (22) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)<sup>8</sup>, il-Portugall qies bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, il-Portugall qies li l-ebda proġett li ngħataw Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li parti minn dawn il-proġetti diġà żguraw finanzjament minn sorsi Ewropej għajr il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, il-proġetti b'Siġill tas-Sovranità li għadhom ma żgurawx finanzjament jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-miżura l-ġdida C05-i14 Innovazzjoni tan-negozju fl-RRP rivedut.

***Valutazzjoni pożittiva***

- (23) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (24) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Portugall huma ta' EUR 21 905 333 169. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Portugall, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Portugall jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 16 325 113 960. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Portugall tibqa' l-istess.

***Self***

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (25) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għall-Portugall appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 5 890 756 353 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Wara t-tneħħija tal-miżuri C01-i12 Kostruzzjoni tal-Isptar tal-Lvant ta' Lisbona u C15-i07 Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Lisbona — Linja l-Ħamra lejn Alcantara — fażi ta' kostruzzjoni u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C07-i06 Żoni ta' Akkoljenza tan-Negożju — Tlestija u C15-i08 Kostruzzjoni tal-estensjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio — fażi ta' kostruzzjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, il-Portugall ma talabx li juża parti mir-riżorsi ta' self liberati biex jappoġġa miżuri ġodda jew biex iżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fi ħdan l-RRP. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa aktar baxx mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Portugall u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għall-Portugall permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għall-Portugall jitnaqqas għal EUR 5 580 219 209.
- (26) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament,
- (27) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

#### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Portugall fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

#### *Artikolu 2*

#### *Emendi*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Portugall self li jammonta għal massimu ta' EUR 5 580 219 209.”;

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*  
*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*